**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 45 – 4 ta' April 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta' filgħaxija u saret Agenda 45. Il-laqgha bdiet fis-7 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Prezenti ghal-laqgha kien hemm il-Project Manager Philip Gatt u l-Accountant is-Sur Paul Bugeja.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 43 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab kjarifika fuq punt 4.1.1. tal-minuti.

1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati hekk kif mresqa. Huwa gie sekondat mill-kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu. (107)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI,

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal-minuti u nforma lill-kunsilliera li l-kunsill kien ircieva email minghand il-kumitat organizzattiv fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni li kien qieghed jorganizza l-attivitajiet relatati mal-anniversarju tal-mewt ta' Dun Karm, sabiex jigbru l-attivitajiet kollha li l-kunsilli kienu se jorganizzaw relatati ma dan l-avveniment. Is-Sindku spjega li dan kien ifisser li l-Kunsill irid jevalwa fejn ha jidhol u kien hemm il-bzonn li l-kunsill ikun originali fl-ideat tieghu.

2.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fi Triq il-Buskett ghalkemm il-Kunsill kien mexa b' irgulija mal-kuntrattur, ix-xoghol rega' waqaf wara li beda ghal ftit granet. Is-Sindku spjega li l-perit tal-kunsill ma kienx kuntent kemm bir-ritmu tax-xoghol kif ukoll bil-kwalita` tax-xoghol fejn jidher li t-tqaxxir f' certu bnadi ma kienx sar sew. Is-Sindku kompla jghid li kellu jsir kuntatt bejn il-periti tal-kuntrattur u tal-kunsill.

2.2.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li huwa qabel mal-argument li tpogga fil-laqgha li ghaddiet, izda issa kien jinsab dizappuntat bl-attegjament tal-kuntrattur. Il-Kunsillier George Cortis zied jghid li l-kunsill kellu jara l-kuntratt kif qieghed, u li l-kuntrattur ma kienx serju u fil-futur kien se jivvota kontra li jinghata aktar xoghol mal-kunsill.

2.2.3. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo u l-kunsillier Philip Said dahlu ghal-laqgha fis-7.10pm.

2.2.4. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li gie avvicinat minn xi residenti li urew thassib dwar il-fond tat-tarmac. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dan it-thassib gie kkonfermat mill-perit li ma kienx kuntent biex xoghol.

2.2.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien qieghed jikkunsidra jwaqqax il-kuntratt jekk ma jarax caqlieq u jitlob gwida lid-dipartiment fuq kif ghandu jipprocedi.

2.3.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bi pjacir jikkonferma li t-tahdidiet sabiex tingab l-urna tal-fidda bil-fdalijiet ta' San Filep gew finalizzati, u xtaq jirringrazzja

lil kull min ta' is-sehem tieghu. Is-Sindku kompla jghid li kollox sar b' kordinazzjoni mal-Arcipriet taht it-tmexxija tal-Kunsill.

2.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li t-trasport tal-urna kien se jigi provdut kollu b' xejn mill-White Bros li ghadhom esperjenza vast fis-settur fejn sahansitra hadu hsieb it-trasport tal-pitturi ta' Caravaggio. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu biss ihallas l-insurance tal-urna, kif ukoll tal-vetturi.

2.3.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li minn issa l-kunsill ghandu jibda juza kwalunkwe mezz sabiex iheggeg lin-nies jattendu ghal dan l-avveniment storiku.

2.3.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Arcipriet ta' Agira kien wera x-xewqa li l-kunsill jghin fir-restawr tal-urna, liema restawr kien jitla ghal madwar €25,000. Is-Sindku kompla jghid li ovvjament il-kunsill ma setax jaghti ghajnuna diretta imma flimkien mal-Arcipriet kienu ha jsiru appelli pubblici waqt il-gimgha tal-festa ghal donazzjonijiet minnaha tal-kunsill.

2.3.5. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-urna tasal Haz-Zebbug il-Gimgha filghodu u l-pjan kien li din tintlaqa' mit-tfal tal-iskejjel hdejn Bieb de Rohan, u minn hemm titwassal fuq l-idejn sal-knisja fejn tigi konsenjata lill-Arcipriet u tittiehed lejn il-Kappella tal-Grazzja fejn tinzamm sas-Sibt filghodu meta tittiehed fil-kapella tal-Angli u s-Sibt filghaxija tittiehed il-knisja Arcipretali sabiex tkun parti mic-celebrazzjonijiet litrugici tal-festa. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-idea hija li l-urna jarawha l-ikbar ammont possibli ta' nies.

2.3.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf l-ispejjez relatati ma' dan l-avveniment. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jhallas l-insurance tal-urna u l-insurance tat-trasport taghha. Il-Kunsill kellu jiehu hsieb l-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni tal-kunsill ta' Agira, izda l-kunsill kien qieghed jistenna risposta fuq it-talba ghal fondi li ghamel lill-EU ghaliex il-pjan kien li l-laqghat li kellhom isiru bhala parti mill-programm tal-gemellagg isiru fl-istess dati.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressqet l-ebda korrispondenza ghall-attenzjoni tal-kunsill.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Huwa talab ghall-kummenti tal-kunsilliera.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 45** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 003/2011 | 28/03/11 | 9,911.58 | Gbir ta' Skart Marzu 2011 |
| Xuereb Bros | 9 302 676 | 28/03/11 | 3,688.17 | Knis Marzu 2011 |
| Roccu Mifsud | 62 | 28/03/11 | 886.66 | Public Conveniences Marzu 2011 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/03/11 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Marzu 2011 |
| Philip Seguna | n/a | 28/03/11 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Marzu 2011 |
| M&E Management Group | 2812 | 31/03/11 | 2,289.20 | Marketing & Events Consultancy Services March 2011 |
| Med Design Associates | 30004658 | 21/10/10 | 7,350.01 | Preparation work of Underground parking project |
| Best Print | 7387, 7488 | various | 3,523.50 | Printing Magazine tal-Kunsill Dec, Feb u stickers |
| Raymond Calleja | n/a | various | 4,149.50 | Patching u bankini |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **35,211.10** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Guard & Warden | 3140, 3141, 3044 | various | 2,887.36 | Speed Camera, Camera Pjazza Feb 2011, Hire of Warden |
| IPSL ltd | 2978 | 25/02/11 | 2,249.42 | Overtime haddiema IPSL August - December |
| Pers Electronics | 8032011 | 08/03/11 | 123.80 | Computer repair and upgrade |
| Joseph Calleja | 68 | 02/03/11 | 826.00 | Wirja ta' karettuni Imnarja |
| Inland Revenue Department | n/a | various | 11,564.82 | FS' 5 May - Oct 2010 |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **21,255.40** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **56,466.50** | |
| | | | | |

4.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li meta wiehed jara l-invoices ta' Audio System wiehed jara li fuq dawn l-invoices diga saru deposits minghajr ma tressqu ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-Kunsillier Agius kompla jghid li l-Kunsill qieghed jehli l-flus fuq dawn l-affarijiet, meta jistaw isiru prijoritajiet ohra bhaz-zona tal-Grazzja. Il-Kunsillier Agius kompla jghid li l-kunsill irid juri rispett lejn in-nies ta' dawn l-inhawi.

4.3. Il-Kunsillier George Cortis wiegeb li l-kunsillier Agius kien qieghed ihallat zewg diskorsi flimkien u li kien se jikkumenta f' mument iehor wara li jara certi affarijiet.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti u s-Segretarju Ezekuttiv spjegaw li dawn id-deposits saru bl-approvazzjoni tal-kunsill meta gew approvati l-lista tal-attivitajiet kulturali tas-sena u l-budget allokat ghalihom. Is-Segretarju spjega li jekk l-infieq isir kollu fil-qafas li approva l-kunsill, mhu qieghed isir l-ebda kusr ta' proceduri.

4.5. Is-Sindku kkummenta li l-kunsillier Agius mill-bidu kien kontra dawn l-attivitajiet u issa qieghed jipprova jfixkel. Is-Sindku qal li biex iserrah ras il-kunsillier Agius dawn il-pagamenti ta' deposits jibdew jidhru wkoll fil-vot ta' flus taht skeda ghalihom.

4.6. Il-Kunsillier Agius talab sospensjoni tal-laqgha halli jiddiskuti dan ma' shabu. Il-laqgha giet sospiza fit-8.10pm.

4.7. Il-laqgha tkompliet fit-8.15pm.

4.8. Il-Kunsillier Agius qal li hu kien qieghed jipproponi li l-vot tal-flus ma jsirx u jigi pospost ghal-laqgha ohra sakemm jigu ccekjati c-cheques kollha u jekk ma tintlaqax din it-talba hu u shabu kienu se jitilqu l-barra u l-laqgha tieqaf minhabba nuqqas ta' quorum.

4.9. Is-Sindku talab li jigu approvati l-pagamenti statutorji tal-kuntratturi u tal-Inland Revenue Department. Il-Kunsillier Agius qal li dawk il-pagamenti xorta jistghu jghaddu ghax diga hemm decizjoni tal-kunsill dwarhom. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li b' dan l-argument ma kellu jkun hemm ebda problema dwar id-deposits li saru peress li bl-istess mod diga kien hemm decizjoni ta' kunsill dwarhom.

4.10. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-pagamenti ta' Audio System u Bugibba Hotel jitnehhew mill-vot ta' flus sakemm jigu ccekjati c-cheques.

4.11. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-vot ta' flus hekk kif emendat ghall-approvazzjoni tal-kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati b' mod unanimu. (108)

## 5. APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI U RAPPORT FINANZJARJU

5.1. Il-laqgha giet sospiza sabiex l-accountant is-sur Paul Bugeja jaghmel il-prezentazzjoni tieghu fuq il-hidma li ghaddeja fuq l-accounts tal-kunsill u l-ispjega tal-management letter. Il-laqgha giet sospiza fit-8.20pm.

5.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar talab li jigi skuzat huwa telaq fit-8.45pm.

5.3. Il-laqgha tkompliet fit-8.55pm u kien hemm qbil li dan l-item jitkompla jigi diskuss f' laqgha apposta li ssir nhar it-Tnejn il-11 ta' April fil-5pm.

## 6. HWEJJEG OHRA, JEKK MEQJUSA URGENTI

6.1. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li gie avvicinat mis-socjeta 12th May li tablet l-ghajnuna tal-kunsill ghat-tiswija tat-toqod ta' madwar ir-roundabout fi triq Mdina. Is-Sindku spjega li din it-talba saret lilu wkoll imma l-kunsill ma jistax jintervjeni minhabba li Mdina road ma taqax taht ir-responsabilta tal-kunsill.

6.2. Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja lill-Kunsill tax-xoghol li sar hdejn id-Duluri.

6.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf f' xiex wasal it-tender ta' Vjal il-Helsien. Is-Sindku wiegeb li l-perit qallu li dan it-tender daqt ikun f' idejn il-kunsill.

6.4. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li l-progett li l-kunsill lokali taz-zghazagh se jkun qieghed jahdem fuqu huwa wiehed relatat ma sports.

6.5. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li kien se jibda jahdem sabiex tinhareg expression of interest ghal dawk l-ghalliema nteressati jiehdu sehem fil-lezzjonijiet tal-privat ghal dawk it-tfal li se jaghmlu r-resits li se jorganizza l-Kunsill.

## 7. AGGORNAMENT

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 11 ta' April fis-5pm. Il-laqgħa spiċċat fl-9.35pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |